KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1/ 2 / 3 / 4


10 LEĠISLATURA - LAQGĦA NO. 24 TAL-
KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 24 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 15 ta' Jannar 2026, fil-17.30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA

Bjorn Bonello – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA 24**

24.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija;

24.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa numru 23;

24.3 Punti mill-minuti;

24.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

24.5 Responsabbiltajiet tal-Kunsilliera;

24.6 Tiżjin tal-Milied: Konferma ta' ħlasijiet u pjan strateġiku 'l quddiem;

24.7 Il-Maniġġar tat-Traffiku fl-inħawi ta' Triq Annetto Caruana, Triq it-Tamar u Triq il-Fregatina, u l-implimentazzjoni ta' fażijiet oħra tal-pjan ħolistiku tat-trasport.

24.8 Diskussjoni dwar tenders, l-operat tal-Kunsill Lokali u s-servizzi pprovduti minn terzi.

24.9 Riżorsi Umani – *Performance Bonus*, Applikazzjonijiet għall-ingaġġ, kwestjonijiet pendenti oħra (kontinwazzjoni).

24.10 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

24.11 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi;

24.12 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti ;

24.13 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss

**Membri Preżenti**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ċensu Galea | *Sindku* | Christopher Vella Petroni | *Viċi Sindku* |
| Alexander Aguis | *Kunsillier* | Anne Fenech | *Kunsilliera* |
| Daryl Connor | *Kunsillier* | Rachel Williams | *Kunsilliera* |
| Clevion Micallef | *Kunsillier* | Joseph M. Attard | *Kunsillier* |
| Alexandra Smart Costantino | *Kunsilliera* | Mary Borg | *Kunsilliera* |
| Raymond Tabone | *Kunsillier* | | |

**24.1 Qari ta' ittri t'apoloġija**

Is-Sindku fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa u nofs u rringrazzja lill-membri kollha preżenti kif ukoll lil dawk li kienu qed isegwu l-laqgħa online. Huwa informa li, f'ċerti punti partikolari tal-aġenda, it-trasmissjoni tal-laqgħa ser tiġi mwaqqfa temporanjament sabiex jiġu diskussi materji interni. Is-Sindku informa lill- Kunsill, li l-Kunsilliera Sandra Gauci u Alan Bugeja talbu li jiġu skużati mil-laqgħa.

**24.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 23**

Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Numru 23 għall-approvazzjoni. Fuq proposta tal-Kunsillier Ray Tabone, issekondat mill-Kunsilliera Rachel William, il-minuti ġew approvati unanimament kif ippreżentati.

**24.3 Punti mill-minuti**

Tiżjin tal-Milied: Is-Sindku esprima t-tama li fis-snin li ġejjin Triq is-Sajjied u Triq il-Qalb ta' Ġesù jiġu inklużi fit-tiżjin tal-Milied, wara li din is-sena ma nstab l-ebda kuntrattur li seta' jwettaq dan ix-xogħol, u li tinstab soluzzjoni adegwata għall-problema eżistenti.

Żebgħa tat-Toroq: Is-Sindku ressaq żewġ punti:

1. Xogħlijiet żgħar ta' manutenzjoni u "*refreshing*" ta' żebgħa tat-toroq ser isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill skont programm stabbilit .
2. Transport Malta qed tinsisti li jkun hemm uffiċjal preżenti meta jsiru xogħlijiet mill- kuntrattur. Ġie nnutat li s-servizz tal-uffiċjali iridu jiġu bbukkjati ferm minn qabel, u xogħlijiet meqjusa estensivi isiru bil-lejl, u dan ifisser li jinvolvu spejjeż addizzjonali.

Impjegat li ma attendiex għax-xogħol għal 218-il ġurnata konsekuttiva ġie t-terminat mill-Kunsill u għalhekk m'għadux impjegat tal-Kunsill.

**24.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku informa li waslet talba mill-Federazzjoni taċ-Ċikliżmu biex tintuża l-Bypass u żona f'San Martin fuq perjodu ta' tlett ijiem. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għall-użu tal-Bypass, iżda s-Sindku ser iwieġeb li parti mit-triq mitluba li tingħalaq taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Imġarr. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni mill-membri.
Wara parir legali, il-kuntratt tal-parkeġġ ġewwa l-Qawra ser jiġi estiż għal sena oħra. Din ser tkun il-bidu tat-tielet sena tal-kuntratt ta' erba' snin. L-estensjoni ser tiswa €100,000 għal-sena.

L-applikazzjoni għall- *outline permit* relatata ma' ġnien pubbliku fi Triq Parades, ġiet approvat

mill-*Planning Authority*. Issa hemm bżonn li jiġi analizzat fid-dettall il-kontenut tal-applikazzjoni oriġinali.

Waslet talba minn kumpanija privata li qed twettaq studju f'isem FTZ dwar l-iżviluppi meħtieġa f'San Pawl il-Baħar, Xemxija, Buġibba u l-Qawra. Il-kumpanija tinsab fl-istadju finali tal-istudju u talbet li tagħmel preżentazzjoni lill-Kunsill. Diġà ntbagħtet email lill-membri kollha. Ġiet proposta laqgħa s-Sibt filgħodu (16/01/2026).

Il-WSC ser twettaq xogħlijiet relatati ma' problemi ta' drenaġġ u ilma fi Triq Cassarino. Fl-ewwel fażi ser jinbidel il-main tad-drenaġġ. Ser jinbidel ukoll il-main tal-ilma minħabba li jservi toroq oħra. Ser isiru żewġ mains tal-ilma u, fuq insistenza tal-Kunsill, ukoll il-'*house connections*' tad-drenaġġ (iżda mhux interni tad-djar sakemm ma ssirx ħsara waqt ix-xogħol). Ix-xogħlijiet huma mistennija jdumu sa Ottubru, li ġie deskritt bħala perjodu problematiku minħabba l-istaġun turistiku. Għalissa l-attenzjoni ser ikun fuq Triq Cassarino. Ġiet espressa t-tama li x-xogħlijiet jitlestew kemm jista' jkun malajr minħabba l-inkonvenjenza lir-residenti, speċjalment fir-rigward tal-aċċess għall-garaxxijiet.

Is-Sindku informa li l-Karnival ser isir ħdejn Wignacourt Tower nhar il-Ġimgħa 13 ta' Frar. Qed jistennew aktar dettalji mill-*event coordinator* dwar il-programm.

## 24.5 Responsabbiltajiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsillier Daryl Connor irrefera għall-Artikolu 363 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, li jipprevedi erbatax-il qasam ta' responsabbiltà differenti. Huwa nnota li bħalissa bosta oqsma huma kondiviżi bejn diversi membri, bħall-infrastruttura (maqsuma bejn il-Kunsillier Alan Bugeja u s-Sindku) u l-proġetti (bejn il-Kunsillier Daryl Connor u s-Sindku). Għaldaqstant, qed jiġi propost li r-responsabbiltajiet jitqassmu b'mod distint lil kull kunsillier, dejjem skont il-parametri u d-dispożizzjonijiet tal-liġi.

Is-Sindku ma esprima l-ebda oġġezzjoni u qal li ser isiru r-reviżjonijiet meħtieġa. Ġie deċiż li l-Kunsillier Alan Bugeja jassumi r-responsabbiltà tal-infrastruttura, filwaqt li l-Kunsillier Daryl Connor jingħata r-responsabbiltà tal-proġetti.

Sar ukoll diskors mal-Kunsillier Raymond Tabone biex jieħu r-responsabbiltà tal-open spaces fil-lokalità sabiex jiġu identifikati b'mod komprensiv.

## 24.6 Tiżjin tal-Milied: Konferma ta' ħlasijiet u pjan strateġiku 'l quddiem

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hemm bżonn jitħejja pjan għat-tiżjin tal-Milied tas-sena li ġejja. M'huwiex permess li jinħarġu RFQs maqsuma f'lots iżgħar, wara enfasi magħmula mill-NAO minħabba li din hija prattika mhux permessa. Għaldaqstant għandu jinħareġ tender strutturat bil-lots kif mitlub mil-liġi.

Intqal li t-tender għandu jinħareġ sa Mejju u għalhekk il-membri ntalbu jressqu l-proposti tagħhom sal-laqgħa li jmiss. Kien hemm qbil unanimu.

Fuq nota oħra, is-Sindku informa li żewġ tenders magħluqa għadhom ma ġewx konklużi minħabba nuqqas ta' risposta mill-persuna responsabbli. Ġie propost li, jekk sal-laqgħa li jmiss ma jkunx hemm żvilupp, jinħatar persuna oħra biex tikkonkludi dawn it-tenders. Il-membri qablu unanimament.

## 24.7 Il-Maniġġar tat-Traffiku fl-inħawi ta' Triq Annetto Caruana, Triq it-Tamar u Triq il-Fregatina, u l-implimentazzjoni ta' fażijiet oħra tal-pjan ħolistiku tat-trasport.

Il-Kunsill qed jirċievi diversi ilmenti dwar il-maniġjar tat-traffiku bejn Triq Annetto Caruana u Triq il-Frejgatina, partikolarment dwar il-proposta li triq ta' 20 metru ma tibqax *one-way*. Ġie nnutat li din il-bidla tista' taffettwa wkoll il-maniġjar tat-traffiku ta' Triq it-Tamar.
Saru referenzi wkoll għal ilmenti relatati ma' Triq il-Lampuki u Triq Ċensu Tanti.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li tqassmu żewġ pjanti għall-analiżi tagħhom, u nnota li kwalunkwe proposta alternattiva għandha titressaq fil-laqgħa li jmiss. Huwa spjega li dawn il-pjanti huma bbażati fuq studju dettaljat tat-traffiku li sar fuq perjodu ta' tmintax-il xahar. Barra minn hekk, huwa kkonferma li saret talba uffiċjali lill-Ministeru kkonċernat u lil Transport Malta għall-ftuħ ta' toroq ġodda li mistennija jtejbu b'mod sinifikanti ċ-ċirkulazzjoni tat-traffiku, b'mod partikolari waqt il-ħinijiet tal-iskola.

**24.8 Diskussjoni dwar Tenders, l-Operat tal-Kunsill u s-Servizzi Pprovduti minn Terzi**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li qed issir reviżjoni tal-kuntratti attwali tal-Kunsill u qed isiru laqgħat mal-kuntratturi. Instabu kuntratti li għadhom mhux iffirmati anke wara sentejn. Dawn qed jiġu kkuntattjati sabiex jiġi assigurat rendikont xieraq u konformità mar-rekwiżiti.

Qed jsir programm li jaqsam il-lokalità f'għaxar setturi sabiex is-supervisor flimkien ma skrivan li ser ikun qed jgħinu, ikunu responsabbli mill-monitoraġġ tax-xogħol u jidentifikaw bżonnijiet oħra.

Ġie propost ukoll li l-kuntratt tal-Contracts Manager, li skada, ma jiġix imġedded minħabba nuqqasijiet fir-reporting u nuqqasijiet oħrajn li, minn dak li qed jiġi innotat qed iwassal għal diffikultajiet anke ma bosta kuntratturi. Il-membri qablu unanimament.

Ingħad li ntefqu madwar €1,800 fuq aċċessorji *anti-vandal* (soap /toilet paper dispensers) sabiex jitnaqqsu spejjeż ripetuti minħabba ħsarat li jsiru fil-latrini pubbliċi.

Il-Kunsillier Raymond Tabone esprima sodisfazzjon li qed isir xogħol meħtieġ biex titjieb it-tmexxija amministrattiva.

It-trasmissjoni online tal-laqgħa ġiet sospiża minħabba l-punt li jmiss fuq l-aġenda.

**24.9 Riżorsi Umani – Performance Bonus, Applikazzjonijiet għall-ingaġġ, kwestjonijiet pendenti oħra (kontinwazzjoni).**

Il-laqgħa ġiet sospiża temporanjament sabiex jiġu diskussi materji relatati mal-amministrazzjoni u l-performance bonuses tal-impjegati.

Wara diskussjoni fid-dettall, ir-rapporti ppreżentati mil Aġent Segretarju Eżekuttiv, inklużi l-perċentaġġi tal-performance bonuses kemm għall-impjegati klerikali kif ukoll mhux klerikali, ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Raymond Tabone, esprima li dan huwa eżerċizzju amministrattiv u ma jidhirlux li l-kunsill għandu jidħol f'dawn, f'dettal.

Wara li reġgħet bdiet tixxandar it-trasmissjoni online, is-Sindku skuża ruħu għad-dewmien, filwaqt li spjega li ċerti materji rrikjedew diskussjoni aktar fid-dettall.

**24.10 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Is-Sindku informa li l-Kunsillier Joseph Matthew Attard ressaq mistoqsija dwar ir-rotta 31, u jekk il-Kunsill jistax jikkunsidra li jitlob lill-MPT sabiex din ir-rotta, parzjalment jew kollha,

tibqa' tgħaddi minn Triq it-Turisti. Din ir-rotta hija dik li d-direzzjoni tagħha twassal lejn l-isptar.

Is-Sindku spjega li l-MPT diġà ġew informati bir-rikjesta u l-Kunsill qiegħed jistenna risposta. Is-Sur Attard talab li tintbagħatlu l-korrispondenza relatata, u ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni.

**24.11 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi**

Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera Mary Borg jekk tixtieqx tippreżenta informazzjoni dwar il-ħarġa kulturali tal-anzjani li jmiss, iżda hija kkonfermat li għadhom jistennew risposta.

**24.12 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

Is-Sindku ppreżenta l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni.

Il-Kunsilliera Rachel Williams irringrazzjat li saru t-tiswijiet u t-tibdil fuq il-bozoz li kellhom bżonn manutenzjoni, u staqsiet għaliex il-Kunsill qed iħallas għal dawn ix-xogħlijiet. Is-Sindku wieġeb li bħalissa l-Kunsill jinsab taħt kuntratt li jkopri dawn ix-xogħlijiet għall-parti l-kbira tal-bozoz (minbarra dawk li huma taħt ir-responsabbiltà tal-Enemalta). Huwa żied li għaddej eżerċizzju sabiex il-bozoz kollha jiġu rreġistrati taħt il-Kunsill Lokali.

Is-Sindku informa li l-kontijiet (Items 15 sa 36 fl-iskeda) relatati mas-servizz tal-ġbir tal-Bulky Service kif ukoll tat-tindif tal-latrini pubbliċi, li huma taħt ir-responsabbiltà tal-istess kuntrattur, ġew sottomessi kollha f'daqqa. Għalissa dawn mhux se jiġu approvati peress li għandhom jiġu ċċertifikati mill-Contracts Manager. Għaldaqstant, il-pagamenti mhux se jitħallsu sakemm ir-rekwiżiti kollha jiġu ċċertifikati kif suppost.

Is-Sindku żied li s-servizz tat-tagħlim tal-Volleyball se jitħallas, iżda minħabba raġunijiet personali tal-persuna inkarigata, dan is-servizz mhux se jibqa' jingħata sakemm jinstab sostitut.

Items 51 u 52, li huma invoices ta' kuntrattur differenti li jieħu ħsieb latrina oħra, mhux se jitħallsu għall-istess raġuni: dawn iridu jiġu ċċertifikati mill-Contracts Manager qabel ma jsir il-ħlas.

Items 65 u 65.01 mhux se jiġu affettwati b'pagament sakemm jiġi sottomess ir-rapport li suppost jipprovdi l-kuntrattur ma' kull invoice, kif ukoll minħabba li għadhom mhux iċċertifikati mill-Contracts Manager.

Items 83 u 84, li huma invoices ta' kuntrattur differenti li jieħu ħsieb latrina oħra, mhux se jitħallsu għall-istess raġuni: għandhom jiġu ċċertifikati mill-Contracts Manager qabel kwalunkwe ħlas.

Item 85 mhux se jitħallas għall l-istess raġunijiet momentarjament.

Is-Sindku informa li dawn il-kuntratturi diġà ġew infurmati sabiex jipprovdu r-rekwiżiti u d-dokumenti meħtieġa. Barra minn hekk, ser isiru laqgħat magħhom sabiex il-Kunsill jifhem eżatt għalfejn qed jinqalgħu dawn id-diffikultajiet.

Il-Kunsillier Chris Vella Petroni staqsa dwar il-kont tal-armar tal-Milied tat-Triq tal-Korp tal-Pijunieri, u s-Sindku wieġbu li l-Kunsill għadu ma rċeviex l-invoice relatata ma' dawn ix-xogħlijiet.

Fuq proponent tal-Kunsilliera Rachel Williams, sekondat mill-Kunsillier Alex Agius, l-iskeda ġiet approvata b'unanimità.

**24.13 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20.05 u aġġornat għal nhar il-Ħamis 19 ta' Frar 2026 fis-5:30pm.

| | |
|---|---|
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |
| **Bjorn Bonello** | **Ċensu Galea** |